



Il-Kummissjoni  
Ewropea

## ID-DRITTIJJIET TAL-KONSUMATUR F'KAŻ TA' "EBDA FTEHIM"

Marzu 2019

F'każ li ma jkun hemm l-ebda ftehim, ir-regoli tal-UE<sup>1</sup> dwar id-drittijiet tal-konsumaturi ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tal-ħruġ. Taħt ċerti kundizzjonijiet, il-konsumaturi tal-UE xorta waħda jistgħu jkunu koperti minn dispożizzjonijiet fil-liġi tal-konsumatur tal-UE jekk jixtru fir-Renju Unit/mingħand negozjant fir-Renju Unit.



### X'inhuma d-drittijiet tiegħi bħala konsumatur minn wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE jekk nixtri oġġetti minn ħanut jew sit web fir-Renju Unit?

Skont il-liġi tal-UE, jekk tikkonkludi kuntratt ma' operatur tas-suq f'pajjiż ieħor u jista' jiġi ppruvat li n-negozjant jidderieġi l-attivitajiet kummerċjali tiegħu/tagħha fl-Istat Membru ta' residenza tal-UE tiegħek, tapplika l-liġi tal-Istat Membru fejn tgħix.

Abbażi ta' dan, il-qradi fl-Istati Membri tal-UE se jkomplu japplikaw ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur anki jekk il-kummerċjant ikun ibbażat fir-Renju Unit.

Dan jinkludi b'mod partikolari r-regoli stabbiliti fi:

- > id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali
- > id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur
- > id-Direttiva dwar it-Termini Kuntrattwali Ingusti
- > id-Direttiva dwar il-Bejgħ u l-Garanziji tal-Konsumatur
- > id-Direttiva dwar l-Indikazzjoni tal-Prezzijiet
- > id-Direttiva dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar

<sup>1</sup> F'dan il-kuntest, "UE" tfisser is-27 Stat Membru tal-UE wara li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni.



## Se jkolli nħallas taxxi jew ħlasijiet żejda jekk nixtri online mir-Renju Unit?

Jekk tgħix fi Stat Membru tal-UE u tixtri oġġetti online, li jridu jiġu impurtati mir-Renju Unit, se jkollok tħallas id-dazju tal-importazzjoni u taxxi oħra indiretti (eż. il-VAT).

L-oġġetti kollha impurtati mir-Renju Unit lejn l-UE, se jkunu wkoll soġġetti għal kontrolli doganali, inkluża l-applikazzjoni ta' miżuri ta' projbizzjoni u restrizzjoni.

Għal aktar informazzjoni, ara: [https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/individuals/buying-goods-services-online-personal-use\\_en](https://ec.europa.eu/taxation_customs/individuals/buying-goods-services-online-personal-use_en)



## Bħala klijent ibbażat fi Stat Membru tal-UE, nista' niftaħ kawża kontra negozjant ibbażat fir-Renju Unit f'qorti ta' Stat Membru tal-UE?

Jekk int konsumatur li jirrisjedi fi Stat Membru tal-UE u tiddeċiedi li tiftaħ kawża kontra negozjant fir-Renju Unit fil-qorti ta' Stat Membru, il-ħruġ tar-Renju Unit ma jkollux konsegwenzi sakemm in-negozjant ikun biegħ il-prodotti tiegħu fil-pajjiż fejn tgħix int. Ir-regoli tal-UE jibqgħu japplikaw u jippermettulek li tfittex lin-negozjant fl-Istat Membru tal-UE fejn int residenti. Ma tagħmel l-ebda differenza jekk in-negozjant huwiex ibbażat fl-UE jew fir-Renju Unit.

Jekk in-negozjant ibbażat fir-Renju Unit ma jkunx ibiegħ il-prodotti fl-Istat Membru tal-UE tiegħek, id-drittijiet tiegħek bħala konsumatur jiddependu fuq il-liġi tar-Renju Unit.



## Tista' s-sentenza ta' qorti fi Stat Membru tal-UE tkun infurzata fir-Renju Unit wara d-data tal-ħruġ?

Għar-rikonoxximent u l-infurzar fir-Renju Unit ta' sentenza minn qorti fi Stat Membru tal-UE (u ta' sentenza minn qorti tar-Renju Unit fis-27 Stat Membru tal-UE) japplikaw regoli nazzjonali fl-UE u fir-Renju Unit. Fil-prattika, dan ifisser li sentenza minn qorti fi Stat Membru tal-UE tista' tiġi eżegwita biss fir-Renju Unit jekk qorti tar-Renju Unit tiddeċiedi li tirrikonoxxi s-sentenza.



## Xorta se nkun nista' nsolvi tilwima barra mill-qorti ma' operatur tas-suq fir-Renju Unit?

Wara d-data tal-ħruġ, il-liġi tal-UE dwar is-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti u dwar is-soluzzjoni online għat-tilwim ma tibqax tapplika għar-Renju Unit. Ma tkunx tista' tuża aktar il-pjattaforma tal-UE ta' soluzzjoni online għat-tilwim biex issolvi tilwim mal-kummerċjanti stabbiliti fir-Renju Unit.



## Il-btala kollox kompriż tiegħi mixtrija minn aġenzija tal-ivvjaġġar fir-Renju Unit għadha protetta skont il-liġi tal-UE wara d-data tal-ħruġ?

Dan jiddependi minn jekk l-organizzatur fir-Renju Unit minn fejn tkun xtrajt il-pakkett ta' vaganza jkunx biegħ fl-Istat Membru tal-UE tiegħek. Jekk dan ikun il-każ, l-organizzatur ikun obbligat, bħal kwalunkwe organizzatur stabbilit f'pajjiż terz, li jipprovi protezzjoni mill-insolvenza għalik skont il-liġi tal-Istat Membru tal-UE tiegħek.

Jekk l-aġenzija tal-ivvjaġġar fir-Renju Unit ma tkunx biegħet il-vaganza fl-Istat Membru tal-UE tiegħek, id-drittijiet tiegħek bħala konsumatur jiddependu fuq il-liġi tar-Renju Unit.



## Il-Brexit se jkollu impatt fuq is-sikurezza u l-kwalità tal-mediċini mqiegħda fis-suq fl-UE?

Le. Il-ħruġ tar-Renju Unit mhux se jkollu impatt fuq il-kwalità għolja u s-sikurezza li l-pazjenti fl-UE jistennew mill-mediċini li jieħdu. Mediċina mogħtija minn spiżerija jew amministrata minn tabib fi Stat Membru tal-UE wara d-data tal-ħruġ ma tkunx differenti fil-kwalità, fis-sikurezza u fl-effikaċja mill-mediċini mogħtija jew amministrati qabel il-ħruġ tar-Renju Unit.



## L-aċċess tiegħi għall-mediċini se jiġi affettwat mill-ħruġ tar-Renju Unit?

Fil-prinċipju, l-aċċess tiegħek għall-mediċini għandu jibqa' l-istess. Madankollu, anki l-aħjar tnejnija ma tistax teskludi kompletament il-possibbiltà li jista' jkun hemm impatt temporanju fuq il-provvista ta' ċerti mediċini.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini qed jimmonitorjaw is-sitwazzjoni bir-reqqa. Kull gvern nazzjonali għandu rwol x'jaqdi. Fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' mediċini sfortunatament mhuwiex rari u diġà jseħħ għal raġunijiet differenti li mhumiex relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u r-regolaturi nazzjonali għandhom l-esperjenza fit-trattament ta' dan u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex il-pazjenti jingħataw il-parir adatt dwar il-kura tagħhom.



## Liema regoli dwar il-protezzjoni tad-data għandhom jikkonformaw magħhom il-kumpaniji meta jittrasferixxu d-data barra l-UE?

Ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) jippermettu t-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiż terz jekk il-kontrollur jew il-proċessur ikun ipprovdha salvagwardji xierqa.

Dawn is-salvagwardji huma:

- > Klawżoli standard dwar il-protezzjoni tad-*data*. Fuq is-sit web tal-Kummissjoni hemm tliet settijiet ta' klawżoli mudell: [https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/data-transfers-outside-eu/model-contracts-transfer-personal-data-third-countries\\_en](https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/data-transfers-outside-eu/model-contracts-transfer-personal-data-third-countries_en)
- > Regoli korporattivi vinkolanti: regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* li jkunu vinkolanti legalment approvati mill-awtorità għall-protezzjoni tad-*data* kompetenti u li japplikaw fi ħdan grupp korporattiv;
- > Kodiċijiet ta' Kondotta approvati, flimkien ma' impenji vinkolanti u infurzabbli tal-kontrollur jew tal-proċessur fil-pajjiż barra mill-UE fejn tiġi ttrasferita d-*data*.
- > Mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni approvati flimkien ma' impenji vinkolanti u eżegwibbli tal-kontrollur jew proċessur fil-pajjiż terz.



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

© L-Unjoni Ewropea, 2019

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissewma s-sors oriġinali.  
Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata  
bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

|       |                        |                    |                   |
|-------|------------------------|--------------------|-------------------|
| Print | ISBN 978-92-76-00461-5 | doi:10.2775/710900 | NA-04-19-222-MT-C |
| PDF   | ISBN 978-92-76-00442-4 | doi:10.2775/094065 | NA-04-19-222-MT-N |